# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 7**

**Rikors Numru 500/19TA**

**Wara l-ittra uffiċjali 1691/19 fl-ismijiet:-**

**Il-Kumissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Emanuel Said (KI: 266479M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Emanuel Said tat-23 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

> "Illi permezz ta' l-ittra uffiċjali su riferita, l-imsemmi Kummissarju tat-Taxxi ittenta jirrendi esegwibbli bħala titolu esekuttiv, ammont allegatament dovut mill-esponenti bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud u liema ammont huwa ta' mija u wieħed u disgħin elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu;

Illi jeżistu raġunijiet gravi u validi skont il-liġi li għalihom l-ittra uffiċjali ntavolata ai termini ta' titolu VII tat-Taqsima 1 tat-Tieni ktieb tal-Kap XII m'għandhiex tiġi dikjarata bħala titolu esekuttiv fil-konfront ta' l-esponenti;

Illi fl-ewwel lok, u bla preġudizzju għal dak su espost u għal dak sussegwenti, l-imsemmija ittra hija nulla u dana stante illi ma tirreferix għal-liema Artikolu tal-Kap XII qegħdha tirreferi;

Illi bla preġudizzju għal dak sussegwenti, ma ġiet annessa ebda prova ma' l-ittra uffiċjali dwar kwalunkwe debitu allegatament dovut mill-esponenti;

Illi bla preġudizzju għal dak sudett u dak sussegwenti ebda ħlas ma hu dovut mill-esponenti lill-Kummissarju tat-Taxxi u dana stante illi kienet terza persuna illi kienet qegħda tagħmel użu min-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT ta' l-esponenti, u fil-fatt hemm investigazzjonijiet kriminali f'dan ir-rigward mill-uffiċjali tat-Taqsima tar-Rejati Ekonomiċi kif juri d-dokument anness;

Illi għaldaqstant, l-imsemmija ittra uffiċjali ma tistax tiġi dikjarata esegwibbli fil-konfront ta' l-esponenti;

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi jogħġobha filwaqt illi tissospendi l-eżegwibilita` ta' l-ittra uffiċjali fil-konfront ta' l-esponenti, tiddikjara li l-istess ittra uffiċjali su riferita ma tikkostitwix titolu esekuttiv ai termini tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta."

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Awwissu 2019;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-12 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu wieġeb is-segwenti:

"1. Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf kif titlob il-liġi;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba rikorrenti għas-sospensjoni tal-eżegwibilita` tal-ittra uffiċjali in kwistjoni għandha tiġi miċħuda in kwantu ma tirriżultax mil-liġi u għalhekk m'huwiex rimedju disponibbli għar-rikorrenti;

3. Illi wkoll b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li l-esponenti ġia għandu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikou 549 tal-Kap. 406

tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittra uffiċjali in kwistjoni bin-numru 1691/2019 hi intiża biss li tirrendi eżegwibbli l-istess titolu eżekuttiv li għandu l-esponenti;

4. Illi t-titolu eżekuttiv li għandu favur tiegħu l-esponenti jikkonsisti fl-avviż mibgħut u notifikat lir-rikorenti ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittra uffiċjali imsemmija, kif ġia ingħad, hija ntiża biss sabiex tirrendi eżegwibbli tali titolu eżekuttiv;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe każ din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiż huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess u dan ai termini tal-Kap. 406 tal-liġijiet ta' Malta;

6. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti għalhekk kellhom jitressqu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fit-terminu mogħti fil-liġi, u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni għall-ammont dovut mir-rikorrenti fit-termini mogħtija fil-liġi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar l-istess ammont dovut lill-esponenti;

8. Illi għalhekk, ġia la darba r-rikorrenti kellu l-opportunita` li jikkontesta l-ammont dovut pero` għażel li jibqa' sieket, ma jistax jikkontesta l-ammont dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti għandu f'idu titolu eżekuttiv reż eżegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;

9. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ittra uffiċjali in kwistjoni bin-numru 1691/2019 mhix maħruġa ai termini tal-Kap. XII, iżda tal-Att XXIII tal-1998, kif indikat bl-aktar mod ċar fl-istess ittra;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirrikjedix li tiġi annessa prova tad-debitur mal-ittra uffiċjali. Il-prova tad-debitu hi t-talba għall-ħlas li ġiet preċedentement mibgħuta u notifikata lir-rikorrent ai termini tal-istess Artikolu tal-liġi, u li għaliha ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni, kif fuq ingħad;

11. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, r-rikorrent irid jipprova li terzi persuni għamlu użu min-numru tal-VAT tiegħu, kif minnu allegat;

12. Illi għalhekk, l-ammont indikat fl-ittra uffiċjali in kwistjoni hu dovut mir-rikorrenti lill-esponenti;

13. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2019 ir-rikorrent iddikjara li r-rikors odjern ġie ntavolat ai termini tal-artikolu 466(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Fl-istess seduta l-partijiet qablu li r-rikors jitħalla għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2020 ir-rikors ġie differit għas-Sentenza għal-lum u dan wara li kull parti kellha l-fakolta' li tippresenta nota ta' osservazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**1.** Il-vertenza ta' bejn il-partijiet tirrigwarda ittra uffiċjali datat 9 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha l-Kummisarju tat-Taxxi interpella lil Emanuel Said, ir-rikorrent, sabiex ai termini tal-artikolu 59 tal-Att tal-1998, f'jumejn żmien min-notifika tagħha, jħallas l-ammont ta' mija wieħed u disgħin, sitt mija u ħamsa u erbgħin Ewro punt sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€191,645.47) rappresentanti ammont dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-liġi.

**2.** Sabiex jikkontesta dan l-ammont, l-imsemmi Emanuel Said deherlu li kellu jipproċedi bir-rikors odjern li permezz tiegħu qiegħed jitlob illi din il-Qorti tissospendi l-eżegwibbilta' tal-ittra uffiċjali fil-konfront tiegħu u li

għalhekk tiddikjara li l-istess ittra uffiċjali ma tikkostitwixxix titolu esekuttiv ai termini tal-Kap XII tal-liġijiet ta' Malta.

**3.** Kif ingħad aktar 'l fuq, il-partijiet qablu, li f'dan l-istadju, qabel ma din il-Qorti tkun f'posizzjoni li tikkonsidra l-mertu, għandha l-ewwel tinvesti l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li hija fis-sens li *"r-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma tar-rikors maħluf kif titlob il-liġi"*.

**4.** Il-Qorti qieset sewwa il-posizzjonijiet kontrastanti li ħadu l-partijiet fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti ikkunsidrat li l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ma hux applikabbli għall-każ odjern. Il-Qorti taqbel perfettament mat-tagħlim ermenawtiku li jagħmel referenza għalihom il-Kummissarju tat-Taxxa partikularment is-**Sentenza fl-ismijiet Outwest Limited -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-27 ta' Marzu 2018.**

**5.** Emanuel Said qiegħed jittenta jattakka l-ittra uffiċjali fuq imsemmija bir-rikors abbażi tal-artiklu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta (ara dikjarazzjoni magħmula fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2019). Iżda jidher ċar, li l-artikolu li abbażi tiegħu inħarġet l-ittra uffiċjali huwa l-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-liġijiet ta' Malta. L-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jirreferi ġenerikament għad-Dipartimenti tal-Gvern u di piu', irid ukoll ikun akkumpanjat minn dikjarazzjoni maħlufa mill-Kap tad-Dipartiment. Di fatti l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta terġa' u tgħid jagħmilha

ċara li dak li jkun jista' jikkontesta t-talba fi żmien għoxrin ġurnata minn notifika **ta' dik id-dikjarazzjoni**. Dan ma hux il-każ li għandha quddiemha u lanqas ma r-rikorrent qiegħed jattakka l-imsemmija ittra uffiċjali għax ma tissodisfax ritwalment il-proċedura taħt dan l-artikolu. Imma anke li kieku, dan l-artikolu mhux applikabbli.

**6.** Il-Qorti tifhem, li fejn jistgħu ikunu salvati l-atti, hekk għandu jiġri. Huwa għalhekk, li l-artikolu 164 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta in suċċint jipprovdi, li dak li għandu jinġieb b'rikors ġuramentat ma jistax jinġieb b'sempliċi rikors. Mentri, fil-każ ta' dak li anke fejn il-liġi tipprovdi espressament li għandu jinġieb b'rikors, jista' ukoll jinġieb b'rikors ġuramentat (ara **Sentenza tal-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-9 ta' Lulju 2019 per Imħallef Grazio Mercieca fl-ismijiet J&C Properties Ltd -vs- Avukat Ġenerali**). Dan ifisser, li fejn il-liġi ma tipprovdiex x'għandha tkun il-forma tal-proċedura sabiex jinġieb att, ir-regola ġenerali u imprexxendibbli hija dik tar-rikors Ġuramentat.

**7.** Fl-aħħar nett huwa indubitat, li l-Kap 406 tal-liġijiet ta' Malta huwa liġi speċjali. Kull liġi speċjali, in omaġġ tal-prinċipju tal-prologomena legali, *lex specialis derogat generalis*, tidderoga minn dik ġenerali, li f'dan il-każ huwa l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk bħala liġi speċjali, dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent kellu jitolbu bil-forma aktar solenni tar-rikors ġuramentat.

**8.** Għalhekk il-Qorti ser tkun qegħdha tilqa' l-ewwel risposta ossia eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi mingħajr ħtieġa li tinvesti l-bqija tar-rikors.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi tilqa' l-ewwel risposta ossia eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwenzjalment **tiċħad ir-rikors** ta' Emanuel Said bl-ispejjes kontra tiegħu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**